

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Settembru 2007
— **Honig-Verband vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-35/06) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Regolament (KE) Nru 1854/2005 — Indikazzjoni ġeografika protetta — ‘Miel de Provence’ — Att ta’ applikazzjoni ġenerali — Nuqqas ta’ interess individwali — Inammissibbiltà”)

(2007/C 283/48)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Honig-Verband eV (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Hagenmeyer u T. Teufer, Aavukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: F. Erlbacher u B. Doherty, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1854/2005 ta' l-14 ta' Novembru 2005, li jikkompleta l-anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 f'dak li jirrigwarda l-iskrizzjoni ta' ċerti ismijiet fir-“Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti” [“Miel de Provence” (IĠP)] (ĠU L 297, p. 3).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ir-rikorrenti għandha tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 86, 8.4.2006.

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Settembru 2007
— **Fels-Werke et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-28/07) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Direttiva 2003/87/KE — Sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra — Pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-Ġermanja għall-perijodu ta' bejn l-2008 u l-2012 — Deċiżjoni ta' ċaħda mill-Kummissjoni — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbiltà”)

(2007/C 283/49)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Fels-Werke GmbH (Goslar, il-Ġermanja); Saint-Gobain Glass Deutschland GmbH (Aix-la-Chapelle, il-Ġermanja); u Spennert-Zement GmbH & Co. KG (Erwitte, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Posser u S. Altenschmidt, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: U. Wölker, aġent)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2006, dwar il-pjan nazzjonali għall-allokkazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra nnotifikat mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-perijodu ta' bejn l-2008 u l-2012, skond id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva [tal-Kunsill] 96/61/KE (ĠU L 275, p. 32)

Dispożittiv tad-Digriet

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli
- 2) Fels-Werke GmbH, Saint-Gobain Glass Deutschland GmbH u Spennert-Zement GmbH & Co. KG għandhom ibatu l-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 69, 24.3.2007.